# It-Trejdjunjoniżmu u l-Politika: X'relazzjoni għandu jkun hemm?
**Ħarsa diretta lejn il-GWU tal-bieraħ u tal-lum**

Christopher Cutajar għal Żminijietna Żgħażagħ tax-Xellug
www.zminijietna.org/zzx
www.xellugi.blogspot.com

F'dan l-artiklu se jkunu identifikati t-tipi differenti ta' hidma li hadet sehem fiha il-General Workers Union bhala trejdjunjin xellugija, b'tali mod li rrifletiet l-fazijiet politici, ekonomici u socjali differenti li pajjizna ghadda minnhom f'dawn l-ahhar 65 sena. Sejrin naraw il-mod li bih il-GWU ghazlet li tahdem, u lejn min qed taghzel li tiftah dirghajha. Sejrin nesploraw x'inhu l-ahjar mod kif trejdjunjin xellugija tahdem bih u x'tip ta' relazzjonijiet ghandha zzomm biex tkun relevanti u effettiva ghal zminijietna.

## Irwoli

L-irwol ta' partit politiku huwa dak li johrog b'politika fuq diversi temi, jikkonvinci lic-cittadini li hija wahda tajba ghalihom u jakkwista l-kunsens biex dik il-politika jwettaqha. Xogholu huwa wkoll li jaghmel rezistenza, permezz tal-mezzi li jkollu, u alleanzi li jkun ifforma, sabiex ma jsirux tibdiliet li f'ghajnejn dak l-istess partit ma jkunux mehtiega jew aghar minn hekk ikunu ta' hsara. Nistghu nghidu li ghalkemm il-partiti politici biddlu hafna l-mod kif joperaw u jwasslu l-politika taghhom lic-cittadin, xorta wahda l-funzjoni taghhom baqghet pjuttost l-istess.

Ma nistghux nghidu l-istess haga ghall-unjins. Dawn fil-bidu twieldu sabiex jistinkaw ghal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xoghol u zieda fil-pagi tal-haddiema. Illum il-gurnata il-funzjoni tal-unjins twessghet aktar sabiex tirrifletti t-totalita' tal-persuna u tirrifletti aktar bis-shih is-socjeta' li tkun qed topera fiha. B'hekk l-unjins barra li jqisu l-membri taghhom bhala haddiema, illum ghandhom il-htiega li jaghrfu jindirizzaw il-htigijiet tal-membri taghhom bhala: konsumaturi; nies li jappartjenu ghal etnicita' differenti; nies li ghandhom sitwazzjonijiet familjari differenti; nies li ghandhom interessi personali fl-individwalita' taghhom; u ghandhom jaghrfu jindirizzaw l-htigijiet edukattivi tal-membri.

## Il-GWU – Metodi differenti matul iz-zmien

Il-GWU matul l-istorja taghha turina kif kull zmien igib sfidi differenti mieghu. L-ewwel sfida li affaccjat l-unjin mat-twelid taghha fl-1943 kienet dik li joghlew il-pagi tal-haddiema tat-Tarzna. L-istrajks li saru f'dik is-sena min-nies tat-Tarzna, dawk tas-Servizzi u impjegati ohra tal-Gvern wasslu lil GWU biex tikseb dak li xtaqu l-haddiema bil-patt li ma tistrajkjax darba ohra matul it-Tieni Gwerra Dinjija[1]. B'hekk rajna kif il-GWU kienet qed taqdi funzjoni li ghaliha twieldu originarjament it-trejdjunjins.

Jekk immorru ghat-28 t'April tal-1958 naraw kif il-GWU kienet qed tahdem mill-qrib mall-Partit Laburista fi hdan il-Moviment Laburista. L-agenda principali ta' dawn it-tnejn kienet tara li Malta ghandha tkun immexxija mill-Maltin, u b'hekk il-Gvern Ingliz kien meqjus bhala l-akbar katina li kienet qed ixxekkel lill-Maltin. B'hekk tlett ijiem wara l-istrajk nazzjonali, fic-celebrazzjoni tal-Ewwel ta' Mejju tal-1958, waqt meeting "privat" imtella' mill-GWU u l-PL gewwa l-grawnd tal-Gzira, l-Assistent Segretarju Generali tal-GWU, Joe Attard Kingswell, qal li "l-gvernatur kien qed igib ruhu b'mod illegali u kien sar dittatur. Ix-xewqa issa hi li l-Maltin isiru tassew sidien f'darhom.."[2]. B'hekk hawnhekk rajna kif f'dak il-

perjodu il-GWU hadet dimensjoni anti-kolonjali u kienet dahlet f'alleanza mall-PL sabiex tilhaq l-ghanijiet taghha.

F'Mejju tal-1978 il-GWU u l-Partit Laburista (fil-Gvern) izzewgu flimkien billi inghaqdu b'mod statutorju[1]. Din ir-rabta tat lil GWU sehem aktar importanti fil-holqien tal-Welfare State f'Malta. Din ir-rabta kellha ddum erbatax-il sena sakemm f'Marzu 1992 id-delegati tal-GWU iddecidew li din ir-rabta kellha tinhall[1]. Din ir-rabta setghet nehhiet mill-indipendenza tal-unjin, u setghet ukoll cahhdet lill-unjin milli tohloq alleanzi ma' unjins jew ghaqdiet ohra biex tmexxi 'l quddiem l-agenda taghha f'pajjizna. B'hekk rajna kif il-GWU rat ir-rabta shiha ma' partit tax-xellug bhala ghodda ta' gid ghall-membri fi hdanha. Tracci ta' din l-alleanza bejn it-tnejn bqajna narawhom bic-car sal-2003/4, meta l-GWU kienet l-unika unjin li taghzel li jkollha l-istess politika bhall-PL rigward shubija shiha fl-UE[3].

Fis-Sajf tal-2008, waqt li kienet ghaddejja l-kwestjoni tal-Privatizzazzjoni tat-Tarzna u l-iskemi tal-irtirar ghall-haddiema taghha, rajna lill-GWU ssib l-appogg taz-zewg partiti tax-xellug f'Malta, cjoe' il-PL u l-Alternattiva Demokratika (AD). Sabet ukoll l-appogg ta' ghaqdiet tax-xellug bhal Moviment Graffitti u Zminijietna-Lehen ix-Xellug. Ghalkemm din ma kienetx alleanza mahsuba, izda kienet qieghda ssir b'mod informali, din wasslet sabiex l-iskemi ta' irtirar li nghataw kienu aktar generuzi[4]. Hawnhekk rajna kif ir-rabta bejn il-GWU u l-PL ma saritx b'obbligu, izda kienet qieghda ssir abbazi tal-issue li kien hemm quddiemhom.

## Il-GWU illum

Prezentament l-unjin ghandha strutturi fi hdanha li jaghmluha relevanti u effettiva ghal zminijietna. Li kieku l-GWU m'ghazlitx li tiehu dawn il-passi kienet tkun qieghda taghmel hsara lilha nnifisha. Bil-bidliet ekonomici li rajna f'dawn l-ahhar snin, fejn il-Gvern immexxi mill-PN ra li jimbotta politika neo-liberali li qieghda twassal biex ikun hawn: aktar attivita' spekulattiva milli produttiva f'pajjizna; l-importazzjoni taqbez l-esportazzjoni; u l-qasam tas-servizzi dejjem jikber filwaqt li dak tal-manifattura dejjem jickien; certament illi li kieku l-unjin ma gharfitx taghmel certu bidliet ma konniex nistghu nibqghu nsejhulha l-akbar unjin f'Malta.

Bit-taqsima tal-Professjonisti, Servizzi u Finanzi fi hdan il-GWU taghmel l-ghalmu taghha biex izzid il-membri fi hdanha qed isir kumpens ghal membri li qed jintilfu minn setturi ohra tal-ekonomija. L-gharfien li kisbet il-GWU biex tirraprezenta lill-haddiema tal-Malta Standards Authority f'Settembru li ghadda jista jservina ta' ezempju[5]. Certament li ghalkemm din hija hidma difficli, ir-rizultati qieghdin ikunu miksuba. Il-professjonisti li raw il-kwalita ta' kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom ikunu mnaqqsa u li qabel kienu jhossuhom bhala haddiema indipendenti qed ifittxu li jkunu f'unjin[6]. Din hija nicca fit-trejdjunjonizmu li tajjeb li tkun sfruttata sewwa. Ezempju ta' professjonisti f'Malta li ghazlu li jkunu unjonizzati huma l-infermiera u l-qwiebel li waqqfu l-MUMN fl-1997.

Illum il-gurnata l-GWU izzomm relazzjoni tajba ma' unjins li jirraprezentaw professjonijiet differenti. Rigward il-kwestjoni tal-gholi ezagerat fit-tariffi tad-dawl u l-ilma, li l-GWU ghazlet li tkun minn ta' quddiem biex tahdem kontrihom kif inhuwa xieraq (ghaliex jippremjaw lil min jikkonsma l-aktar u jikkastigaw lil min jikkonsma bil-qies), rajna kif unjin li kienet minn dejjem assocjata ma' impjegati li jaghmlu xoghol manwali dahlet f'alleanza wiesgha ma' ghaxar unjins li jirraprezentaw professjonijiet differenti. Sa ftit ilu hadd ma kien jahseb li l-unjin tal-ghalliema l-MUT setghet tkun f'alleanza organizzata mall-GWU, izda dan qed isehh. L-unjin qieghda tikollabora mill-qrib ma' unjins li jirraprezentaw lill-istaff

akkademiku tal-universita', ma' bdoti u haddiema tal-cabin crew, inginiera u periti, u professjonisti ohra. Din l-alleanza ma nahsibx li setghet issir kieku l-GWU baqghet f'rabta diretta mall-PL. Din l-alleanza turina kif il-GWU qieghda taqbez ghal dawk membri taghha bhala konsumaturi tad-dawl u l-ilma, u b'hekk qed turi li mhux qed tara l-membri taghha bhala haddiema biss.

Mod iehor kif il-GWU thares lejn il-membri taghha fit-totalita' taghhom hija billi taghti kaz il-htigijiet edukattivi taghhom u anke ta' dawk li m'humiex membri maghha. Mayo, Pace u Zammit (2008), meta janalizzaw l-edukazzjoni ghall-adulti fi stati zghar u jiehdu l-kaz ta' Malta, jargumentaw li l-agenzija edukattiva tal-GWU, cjoe' il-Fondazzjoni Reggie Miller, tista' tkun meqjusa bhala l-akbar entita' tal-edukazzjoni non-vokazzjonali ghall-adulti li ghandna f'Malta[7].

B'*policy paper* mahruga f'Settembru tal-2008 il-GWU rat ukoll kif taghmel pass 'l quddiem biex tiddefendi l-interessi ta' minoranzi etnici fi hdan is-socjeta' taghna. B'din il-*policy paper* il-GWU uriet kif hija lesta li tiddefendi l-interessi tal-haddiema li ma humiex Maltin u tahdem sabiex dawn ma jigux sfruttati u jibdew jikkontribwixxu ghat-taxxa fuq id-dhul taghhom u anke jhallsu n-*national insurance*[8]. Din il-politika tal-GWU taqbel ma' dak li jsemmi Wallerstein (2000) meta janalizza x'ghandu jkun il-futur tat-trejdjunjonizmu[6].

Hemm kategoriji ohra fis-socjeta' li l-GWU ghandha tara li tilhaq dejjem aktar. It-*track record* tajjeb li thaddan il-GWU rigward l-involviment tan-nisa fi hdanha ghandu jinzamm u jissahhah. Il-minoranzi sesswali ukoll ghandhom jinghataw kaz, u allura emfazi kontra l-omofobija tkompli turi li t-trejdjunjin tkun qieghda thares lejn il-membri taghha fit-totalita' taghhom bhala persuni.

Bhalma l-GWU qieghda tahdem fi progett sabiex jissahhah it-turizmu f'Malta, il-GWU ghandha wkoll tara li tahdem fi progetti li jgibu aktar *green collar jobs*. Dawn ikunu impjiegi li filwaqt li jkunu qieghdin jaghtu d-dinjita' tax-xoghol lil aktar nies, ikunu qieghdin jikkontribwixxu sabiex jintuzaw prodotti li jikkonsmaw anqas energija u energija aktar nadifa. Permezz taghhom tkun miggielda il-bidla fil-klima li qed tesperjenza d-dinja. Inizjattivi bhal dawn igibu lill-GWU f'aktar armonija ma' dawk li huma ambjentalisti, u b'hekk jissahhu wkoll il-kredenzjali ambjentali tal-unjin.

Il-GWU m'ghandhiex tiddejjaq tipronunzja ruhha rigward il-kwestjoni tal-paci. Din hija kwestjoni li ghandha relazzjoni diretta ma' dik tax-xoghol peress li l-gwerer igibu qerda tal-postijiet tax-xoghol, u instabilita' kbira fl-impjiegi. Icahhdu lill-bniedem mill-aktar htigijiet bazici ta' sigurta', housing, u ghixien dicenti. Dan iressaq lill-unjin lejn dawk li ghandhom ghal qalbhom il-kwestjoni tal-paci fid-dinja u jaghti xehta aktar internazzjonalista lill-istess unjin.

Valuri progressivi bhalma huma l-htiega ta' drittijiet civili godda f'pajjizna ghandhom ukoll ikunu pronunzjati mill-unjin. Dan jaghti lok sabiex forom differenti ta' familja li huma r-realta' tal-lum il-gurnata jhossuhom aktar inkluzi f'din l-unjin. Dan ikompli jghaddi l-messagg li l-unjin qieghda hemm sabiex taghti kaz tal-aspetti kollha tal-hajja.

## Ahwa iva, mizzewga le

Bhala trejdjunjin xellugija il-GWU m'ghandhiex terga taraha bhala htiega dik li tintrabat ma' partit politiku xellugi. Sistemi li gabu rizultati tajbin il-bierah ma jfissirx li jistghu igibu rizultati tajbin illum. Il-GWU m'ghandhiex tiddejjaq tissieheb f'alleanzi li jsiru fuq bazi ta'

*issues* minn zmien ghal zmien. M'ghandhiex tiddejjaq li tohloq kollaborazzjoni sinkronizzata waqt li tkun qed tahdem fuq dawn it-temi. Il-GWU ghad ghandha l-irwol li tqajjem kuxjenza politika fi hdan il-membri taghha u anke dawk li m'humiex (peress li hija unjin ta' livell nazzjonali).

Jekk tahseb biex terga' tissieheb b'mod dirett ma' partit politiku tkun qieghda taghti bis-sieq lir-relazzjoni tajba li holqot ma' l-ghaxar unjins li ghamilna referenza ghalihom diga', li meta tghoddhom flimkien tara li jirraprezentaw mat-63% tal-haddiema unjonizzati f'Malta. B'danakollu bl-ebda mod ma rrid infisser li m'ghandux ikun hemm simpatija bejn il-GWU, u l-PL u l-AD. Jekk ma jkunx hemm simpatija tkun qed tigi mhedda s-solidarjeta' bejn l-ghaqdiet tax-xellug. Ir-relazzjoni ghandha tkun wahda li tixbah lil dik tal-ahwa u mhux tal-mizzewgin.

Is-solidarjeta' hija ferm mehtiega f'dawn iz-zminijiet, aktar u aktar meta l-GWU qed taffaccja metodi li ghalkemm huma legali, joholqu theddid serju fuq id-dritt ta' azzjoni industrijali, u joholqu klima anti-demokratika. Ghalhekk nistghu nghidu li qed jithaddmu biex trejdjunjin xellugija, tkompli tinghata daqqiet ta' mannara. Daqqiet li jekk jaghmlu l-hsara mixtieqa jkomplu jheddu d-demokrazija ekonomika f'pajjizna.

## Ingibuh fejn jixraqlu!

Min qieghed jaghmel dawn l-atti llum il-gurnata ghandu jkun jaf li minn dak li jinzera' illum sejjer jinhasad ghada. Niehu gost li qed tkompli tinzera' il-mibgheda lejn il-politika neo-liberali taghhom, halli b'hekk tissahhah l-imhabba f'qalb il-moviment xellugi f'Malta ghall-ugwaljanza u l-gustizzja socjali. B'din l-imhabba ghal dawn il-valuri il-lemin politiku nergghu ingibuh u nsibuh fejn jixraqlu jkun. Ingibuh fuq in-naha telliefa tal-istorja.

---

Referenzi


1. Bonnici, J. & Cassar, M. (2004) A Chronicle of Twentieth Century Malta. Malta: Gutenberg Press p177, 400, 466
2. Sant, A. (1988) 28 t'April 1958 – Il-Hobz u l-Helsien. Malta: Marsa Press p412
3. Briguglio, M. (2008) Il-Futur tal-GWU. *Żminijietna*, 4(20), 3
4. Briguglio, M. & Brown, M. (2009) Discouragement Amongst Ageing Workers in Malta within an EU Context. *Societies Without Borders*, 4(1), 45-60.
5. Il-GWU tinghata l-gharfien fl-MSA (05.09.08) Misjub fl-10 t'April 2009 minn; http://www.gwu.org.mt/main.aspx?ctrl=newsdetails&n=990
6. Wallerstein, I. (2000) Do Trade Unions have a Future? Misjub fl-10 t'April 2009 minn: http://www.binghamton.edu/fbc/46en.htm
7. Mayo, P., Pace, P.J., & Zammit, E. (2008) Adult education in small states: the case of Malta. *Comparative Education*, 44(2), 229-246
8. General Workers Union (Settembru, 2008) Il-Haddiema Immigranti. Misjub fl-10 t'April 2009 minn: http://www.gwu.org.mt/documents/Migrants_Workers_Paper_110908.pdf